Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

Data tal-laqgħa: 27 ta' Mejju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fid-9.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Daniel Muscat Caruana – Kunsillier

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku n-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fid-9.20am peress li l-Kunsill iltaqa' mar-resident li qed jinsisti li biex ma jibqax iżomm ilma fi Triq Idmejda, trid tinqala' l-bankina l-wiesgħa tan-naħa tal-HSBC. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm il-perit tal-Kunsill, flimkien mal-perit tar-resident.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Is-SE qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Daniel Muscat Caruana fejn infurma li ma setax jattendi għal-laqgħa. Il-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 62

63.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Numru 62. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

63.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 63.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

63.3.1 Para 62.10.16 - Ċirkulari SPI/07/2019 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni
Is-SE infurmat li, is-Sindku ltaqa' ma' kumpanija fil-*playing field* biex jurih fejn qed jiġi propost li tiġi s-sistema ta' irrigazzjoni. Din il-kumpanija kellha tibgħat kwotazzjoni tax-xogħlijiet, pero' sal-lum għadna ma rċievejna xejn. L-applikazzjonijiet għal din l-iskema huma miftuħin sat-12 ta' Ġunju 2019 u mingħajr kwotazzjoni ma nistgħux napplikaw.

63.3.2.1 Para 62.10.17 - Bankina fi Triq San Franġisk k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-SE infurmat li l-bankina ġiet iċċekkjata ser nistennew ix-xogħlijiet li qed isiru minn IM fi Triq il-Ferrovija l-Qadima jitlestew biex naraw sa fejn ser jieqfu bil-bankina peress li din il-bankina tinsab viċin tal-kantuniera.

63.3.2.2 Il-Kunsill talab li ninfurmaw lill-perit inkarigat mix-xogħlijiet ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima biex ninfurmawhom b'din il-problema.

## 63.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

63.4.1 Is-Sindku beda billi rringrazzja lill-Kunsilliera tal-ħidma tagħhom tul dawn l-aħħar erba' (4) snin.

63.4.2 Is-Sindku qal li mill-*house visits* li kellu, irriżulta numru ta' ilmenti u suġġerimenti li xtaq iwettaq. Fosthom li jinbidlu diversi tabelli tat-*timed parking* fl-akwati ta' Triq San Valentin għax iċċaraw ħafna. Is-SE infurmat li dawn it-tabelli diġa' ġew ordnati.

63.4.3 Is-Sindku qal ukoll li fi Triq San Valentin u fi Triq Papa Alessandru VII hemm fejn talanqas jiżdied *parking bay* f'kull triq. Is-SE qalet li ser jiġu ċċekkjati dawn iż-żewġ toroq u jekk hemm fejn, jiżdiedu l-*parking bays.*

63.4.4 Is-Sindku qal li xi residenti lmentaw fuq nuqqas ta' knis u ħaxix ħażin madwar il-lokalita'. Is-SE infurmat li se ssir laqgħa mal-kuntrattur.

63.4.5 Is-Sindku qal li kellu numru ta' suġġerimenti oħra li ser jitressqu għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill fil-leġislatura l-ġdida.

63.4.6 Dwar ix-xogħlijiet ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima, is-Sindku qal li dawn mixjin b'ritmu tajjeb u mingħajr problema u l-ħaddiema li hemm huma eċċezzjonali. Qal ukoll li għalissa tneħħiet il-*parking bay* riservata għall-karozzi tal-*GoTo* sakemm isiru x-xogħlijiet fit-triq u li resident jixtieq li ssir quddiemu minflok fejn kienet għax preżentament qed jipparkjaw vetturi kbar u qed jostakolawlu l-aċċess tal-garaxx peress li hemm spazju żgħir. Il-vetturi tal-*GoTo* huma żgħar u joqgħodu perfettament f'dan l-ispazju mingħajr ma jkun hemm l-ebda ostaklu tal-garaxx tiegħu. Is-SE ser tinfurma lil tal-*GoTo* b'dan.

## 63.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

63.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

63.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 63.7 Triq Idmejda

63.7.1 Dwar il-problema ta' din it-triq, wara li l-Kunsill iltaqa' mar-resident qabel ma bdiet il-laqgħa tal-Kunsill, kien hemm qbil bejn il-Kunsill, ir-resident, il-perit tiegħu u l-perit tal-Kunsill li jiltaqgħu il-periti bejniethom biex jiddiskutu flimkien din il-kwistjoni u tiġi identifikata soluzzjoni biex ma jibqax iżomm ilma f'din it-triq.

63.7.2 Il-periti ser jippreżentaw il-proposti tagħhom għad-diskussjoni tal-Kunsill fil-Leġislatura li jmiss.

## 63.8 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

63.8.1.1 *Parking bays* ġodda f'Wesgħa Ġiġi Gauci

Il-Viċi Sindku Andre' Grech, issuġġerixxa li jsiru *parking bays* ġodda mad-dawra tal-pjazzetta f'Wesgħa Ġiġi Gauci (dawra mejt man-naħa tal-ħamrija) għax it-triq wiesgħa u tippermetti li jsir *parking* maż-żewġ naħat tat-triq. Qal ukoll li hemm fejn joqgħodu talanqas żewġ *parking bays* ma' kull naħa.

63.8.1.2 Il-Kunsill unanimament approva u se napplikaw għal permess ma' TM.

63.8.2.1 Ċirkulari Numru 7/2019 u 9/2019 - Riforma Gvern Lokali

Ġiet innutat Ċirkulari Numru 7/2019 u 9/2019 dwar ir-Riforma Gvern Lokali mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. L-emendi fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363) daħal fis-seħħ fis-26 ta' April 2019.

63.8.3.1 Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2019 – *LC Care Project* – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita'

Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2019 – *LC Care Project* – Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita' mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

63.8.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex isiru 2 *kennels* tal-qtates, kif ukoll biex isir *neutering* tal-qtates.

63.8.3.3 Il-Viċi Sindku se jkellem waħda mir-residenti li titma' l-qtates f'Ħal Balzan, biex tavviċina l-Kunsill, biex tagħtina informazzjoni dwar l-ammont ta' qtates li hemm bżonn li jiġu msewwijja u informazzjoni oħra li nistgħu niġu bżonn biex nimlew l-applikazzjoni.

63.8.4 Talba għal permess biex jintrama *bar* fil-jiem tal-festa

Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*barman* tal-Każin tal-Partit Laburista qed jitlob biex bħas-snin ta' qabel, il-Kunsill jagħtih permess biex jarma *bar* żgħir faċċata tal-Każin fil-jiem tal-festa. Il-Kunsill unanimament approva li jinħareġ il-permess bil-kundizzjonijiet tas-snin ta' qabel.

63.8.5.1 *Zebra Crossings* fi Triq il-Kbira

Is-SE infurmat lill-Kunsill lit-talba biex issir *zebra crossing* fejn tal-Lottu fi Triq il-Kbira ġiet approvata minn TM. Is-SE qalet li qed iġġib kwotazzjonijiet biex tiġi rranġata l-bankina, tabelli li jaħdmu bis-*solar* u *road markings* u t-tabelli neċessarji skond il-kundizzjonijiet maħruġa minn TM. Minn spezzjoni li saret ġie identifikat li l-aħjar post li ssir mingħajr ma ttellef li ħadd hija ftit l'isfel mill-Każin tal-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsill qabel mal-post indikat.

63.8.5.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill lit-talba biex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kbira ftit l'isfel minn Triq Papa Piju XII, Birkirkara ma ġietx approvata għax il-post propost huwa eżatt wara liwja u l-vetturi ma jkollhomx biżżejjed viżibilita' tal-persuni li jkunu ser jaqsmu.

## 63.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

63.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 5/19 li tammonta għas-somma ta' €23,169.90c, li tinkludi l-ammont ta' €47.46c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

63.9.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre' Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

63.9.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* huwa mikri sal-aħħar ta' Ġunju 2019. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jerġa' jikri l-garaxx għal sitt (6) xhur oħra bl-istess kundizzjonijiet u għall-ammont ta' €925.

## 63.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

63.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-10.00am.

63.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019 fit-8.00am.

Konfermati, illum it-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |